**6 ta' Mejju, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Marija u Benny konjuġi Baldacchino

*versus*

Carmelo Grima u John u Josephine konjuġi Cachia

## Azzjoni Petitorja - Azzjoni Possessorja - Servitù Personali

*Sentenza in parte li daħlet fil-ġurisprudenza biex tiddistingwi bejn l-azzjoni petitorja u l-azzjoni possessorja.*

*Jekk id-domanda fiċ-ċitazzjoni tkun poġġuta fuq il-pussess bħala fatt l-azzjoni hija possessorja; jekk ikollha bħala fondament tagħha l-offiża tad-dritt, l-azzjoni tkun petitorja.*

*L-azzjonijiet possessorji għandhom bħala fondament tagħhom il-pussess ta' kwalunkwe xorta u bħala objettiv tagħhom it-tutela ta' dak il-pussess waqt li l-fond ġuridiku ta' l-azzjoni petitorja huwa d-dritt u l-iskop u r-rikonoxximent ta' dak id-dritt.*

*Hu paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi meta si tratta mhux ta' servitù vera proprja imma minn dik li tissejjaħ servitù personali għax tkun pjuttost dritt ta' obbligazzjoni, il-kważi-pussess tagħha huwa tutelabbli bl-azzjoni possessorja kontra l-awtur tat-turbattiva.*

Il-Qorti:-

L-atturi pproċedew b'dan l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

"L-atturi wra li ppremettew illi huma l-inkwilini ta' l-għalqa tal-Ħabel it-Twil, fil-limiti tas-Siġġiewi, illi l-konvenuti qed jippretendu li għandhom dritt ta' passaġġ bir-riġel, bil-bhima, bil-karrettun u bil-makkinarju minn fuq l-għalqa ta' l-atturi; illi fil-fatt huma ma għandhomx dan id-dritt; talbu li din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi illi l-għallqa ta' l-atturi fuq imsemmija mhi suġġetta għal ebda dritt ta' passaġġ favur il-konvenuti;

Li konsegwentement il-konvenuti jiġi inibiti milli jgħaddu minn fuq l-għalqa ta' l-atturi tal-Ħabel it-Twil, fil-limiti tas-Siġġiewi fuq imsemmija taħt is-sanzjoni tad-disprezz lejn l-awtorità ta' din il-Qorti";

Il-konvenuti opponew it-talbiet attriċi b'dawn l-eċċezzjonijiet:

"Illi l-atturi bħala inkwilini ta' l-għalqa okkupata minnhom, ma jistgħux jipproponu azzjoni bħal dik odjerna għal dikjarazzjoni li art mikrija lilhom mhix soġġetta għal servitù (*actio negatoria*) għax din l-azzjoni, bħala azzjoni petitorja, tmiss biss lis-sid;

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-konvenuti għandhom mogħdija minn fuq l-għalqa mikrija lill-atturi billi l-għalqa tal-konvenuti ma għandha ebda aċċess għat-

triq pubbliku ħlief minn din il-mogħdija";

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tat-3 ta' April, 1995 iddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom wara li laqgħet l-ewwel eċċezjoni tal-konvenuti;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Permezz ta' dawn il-proċeduri l-atturi qegħdin jitolbu li jiġi ddikjarat li l-konvenuti ma għandhom ebda dritt ta' passaġġ minn fuq l-għalqa mqabbla lilhom magħrufa bħala ta' Ħabel it-Twil, limiti tas-Siġġiewi. Il-konvenuti, da parti tagħhom, kif jidher sew min-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom kif ukoll mill-ittra uffiċjali tagħhom tas-16 ta' Settembru, 1994 (dok. A , fol. 4) esebita mill-istess atturi, qegħdin jikkontendu li huma għandhom tali dritt;

*Ex admissis* l-atturi huma inkwilinii ta' l-għalqa minnhom okkupata. Il-konvenuti kwindi qegħdin jikkontendu fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom li din l-azzjoni li hija "azzjoni negatorja" ma tikkompetix lill-atturi qua inkwilini iżda se mai tikkompeti lis-sidien ta' l-għalqa okkupata mill-atturi in kwantu tali azzjoni hija waħda petitorja;

L-atturi qegħdin jissottomettu f'dan ir-rigward li l-azzjoni ittentata minnhom mhix waħda "negatorja iżda tirrigwarda d-dritt ta' servitù personali ta' passaġġ". In sostenn tad-dritt tagħhom li jistitwixxu tali azzjoni għamlu referenza għas-sentenza ta' l-onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Cassar *vs* Cassar** (Vol. XXXIX.I.123);

Is-sentenza ċitata tikkonċerna azzjoni ta' spoll fejn l-attur kien allega li bl-aġir tal-konvenut dan l-istess konvenut kien

iddisturbalu l-pussess esklussiv għall-godiment tal-passaġġ. Kif sewwa rriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in re **Frank German** *vs* **Domenico Azzopardi** (Vol. XXXIV.III.746) "L-indole ta' l-azzjoni tiġi deżunta mhux tant mill-kliem più o meno eżatti ta' l-att istituttiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għaliha huwa intiż il-ġudizzju". Bil-proċeduri odjerni jidher ċar li l-atturi qegħdin jipprovaw jottjenu dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-proprjetà minnhom okkupata mhux soġġetta għall-ebda servitù ta' passaġġ. Din għalhekk mhux sempliċi azzjoni possessorja iżda hija azzjoni reali li tolqot intimament drittijiet reali fuq il-proprjetajiet tal-kontendenti;

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Gerolamo Farrugia** *et vs* **Salvatore Cassar** deċiża fid-19 ta' Frar, 1991 esprimiet ruħha hekk: "Id-dritt li l-konduttur jakkwista bis-saħħa tal-lokazzjoni huwa personali u mhux reali; u għalhekk huwa ma jakkwista ebda drittijiet fuq il-ħaġa lilu mikrija imma jakkwista biss id-dritt li jkollu mingħand il-lokatur it-tgawdija tal-ħaġa għaż-żmien tal-lokazzjoni. U għaldaqstant jekk il-konduttur isofri xi molestji minn xi ħadd li jkun jippretendi xi drittijiet fuq il-ħaġa, huwa għandu jsejjaħ lil-lokatur biex dan ineħħilu dawk il-molestji ... Azzjoni diretta biex tiġi ddikjarata illi fond huwa ħieles minn servitù ta' passaġġ favur fond ieħor hija azzjoni reali u mhux personali; dik hija azzjoni negatorja, ossia waħda mill-azzjonijiet petitorji; u l-konduttur ma għandux dritt jesperixxi dik l-azzjoni kontra min jippretendi dik is-servitù għax azzjonijiet simili jistgħu jiġu eżerċitati biss minn min huwa s-sid tal-fond" (Vol. XXXV.I.10);

L-atturi appellaw minn din is-sentenza. Huma jsostnu illi l-azzjoni minnhom proposta ma kinitx waħda negatorja ta' servitù jew li tikkonserva servitù. Huma kienu qed jaġixxu bħala inkwilini kontra inkwilini oħra sabiex jiġi mantnut l-*istatus quo* ta' l-inkwilini kollha tar-raba' in kwistjoni;

Huma jsostnu li ipproponew azzjoni personali kontra l-konvenuti sabiex jottjenu dikjarazzjoni li l-konvenuti ma kellhom l-ebda jedd personali li jgħaddu minn fuq ir-raba' tagħhom;

Din il-kawża sa issa ma tippreżenta l-ebda kontestazzjoni ta' fatt. Huma rilevanti s-segwenti ċirkostanzi li jidhru determinanti għall-konsiderazzjoni ta' l-aggravju ta' l-appellanti;

Hu paċifiku li kemm l-atturi appellanti kif ukoll il-konvenuti appellati huma inkwilini tar-raba' kontigwu;

Hu paċifiku illi kemm ir-raba' ta' l-atturi kif ukoll ir-raba' tal-konvenuti huwa proprjetà ta' l-istess sid u ċjoè tal-Gvern ta' Malta;

Li l-konvenuti qed jippretendu li għandhom dritt ta' passaġġ bir-riġel, bhima u nġenji minn fuq ir-raba' mqabbel lill-atturi. Dawn ta' l-aħħar qed jikkontestaw din il-pretensjoni;

Minn dawn il-fatti bażilari għandu jkun immedjatament ovvju illi l-impostazzjoni tas-sentenza appellata fuq is-sottomissjoni tal-konvenuti illi l-atturi kienu qegħdin jittantaw azzjoni negatorja ta' dritt ta' servitù predjali hi għal kollox skorretta. Jokkorru dawn il-konsiderazzjonijiet:

Id-dritt ta' servitù hu definit bħala jedd stabbilit għall-vantaġġ ta' fond fuq fond ta' ħaddieħor sabiex isir użu minn dan il-fond ta' ħaddieħor jew sabiex ma jitħalliex li sidu juża minnu kif irid (artikolu 400 (1) tal-Kodiċi Ċivili). Hu allura ċar illi biex tinħoloq servitù jeħtieġ li jkun hemm fond servjenti li għandu jissaporti l-użu tiegħu u fond dominanti li hu dak li a vantaġġ tiegħu tiġi maħluqa s-servitù;

Dan neċessarjament ifisser illi mhux legalment konċepibbli illi s-sid dominanti u s-sid servjenti jkunu proprjetà ta' l-istess persuna. Dan għaliex is-servitù timplika restrizzjoni fuq l-użu li jista' jagħmel il-proprjetarju tas-sid servjenti li ma jistax jinqeda kif irid mill-fond imma hu ristrett dak l-użu mis-servitù li għaliha hu soġġett favur is-sid dominanti. Infatti servitù tispiċċa meta tingħaqad f'persuna waħda l-proprjetà tal-fond dominanti u dik tal-fond servjenti (artikolu 480 (1) tal-Kap. 16). Mhux għalhekk konċepibbli li jista' jeżisti servitù ta' passaġġ minn fuq il-fond imqabbel lill-atturi a favur tal-fond imqabbel lill-konvenuti t-tnejn ta' l-istess proprjetarju;

Is-servitù ta' passaġġ hija servitù predjali li tistabbilixxi dritt reali fuq il-proprjetà. "L-azzjoni biex jiġi rrikonoxxut dritt ta' servitù hija msejħa "azzjoni konfessjorja" u tista' tiġi eżerċitata biss mill-proprjetarju tal-fond dominanti jew mill-użufruttwarju jew mill-użwarju li għandhom drittijiet reali fuq dak il-fond" (Vol. XXIX, pt. II, p. 1268). Għalhekk din l-azzjoni ma tikkompetix lill-kerrej tal-fond dominanti jew tal-fond servjenti. L-istess japplika "fil-każ fejn tiġi esperita l-azzjoni negatorja eżerċitata biex jiġi ddikjarat li l-fond ta' l-attur mhux soġġett għal servitù ta' passaġġ vantata mill-konvenut (Vol. XLI, pt. I, p. 69);

Kif ġustament irrilevat fis-sentenza appellata l-azzjoni negatorja bħall-azzjoni konfessorja hi ta' natura petitorja. "L-azzjoni petitorja tippresupponi titolu ta' proprjetà. Il-proprjetarju jista' jeżerċità tant l-azzjoni possessorja kemm ukoll l-azzjoni petitorja mentri l-possessur sempliċi (bħal inkwilin fil-każ preżenti) jista' jeżerċita l-azzjoni possessorja biss. L-azzjoni diretta għar-rivendikazzjoni tal-libertà tal-fond minn servitù hija dik imsejħa negatorja" (Vol. XXIX, pt. II, p. 590). Azzjoni eminentement petitorja;

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet għandu allura jkun ċar illi l-azzjoni eżerċitata mill-atturi inkwilini kontra l-konvenuti ukoll inkwilini ma tistax titqies bħala li kienet azzjoni negatorja intiża biex tirrivendika l-ħelsien tal-fond minn servitù meta min jaġixxi *ex admissis* mhuwiex il-proprjetarju ta' dak il-fond. Hu sewwa sottomess illi f'azzjoni ta' din ix-xorta l-inkwilin sempliċi psosessur kellu jsejjaħ lill-proprjetarju biex jiddefendi l-proprjetà tiegħu kontra l-molestja *ta' terzi u ma setax jarroga għalih innifsu dak id-dritt.* Mill-banda l-oħra hu ukoll ovvju li s-sid ma jistax jistitwixxi l-azzjoni negatorja kontra tiegħu nnifsu jekk jinzerta - kif hu fil-każ in eżami - il-proprjetarju taż-żewġ fondi. Dan għax kif ingħad mhux legalment konċepibbli li sid ikun soġġett għas-servitù kontra tiegħu nnifsu;

Hu allura meħtieġ li tiġi sewwa analizzata n-natura ta' l-azzjoni esperita mill-attur. Eżerċizzju li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ġiex approfondit mill-Ewwel Qorti fid-dawl tal-kostatazzjoni tal-fatt aċċettat li l-atturi qua inkwilini ma setgħux jistitwixxu azzjoni negatorja ta' servitù u li f'kull każ servitù predjali fil-każ taħt eżami ma setax legalment jeżisti;

"L-azzjoni petitorja tingħaraf mill-azzjoni possessorja mill-att taċ-ċitazzjoni u mill-ewwel difiża li jopponi l-konvenut. Jekk id-domanda tkun poġġuta fuq il-pussess bħala fatt l-azzjoni hija possessorja; jekk ikollha bħala fondament tagħha l-offiża tad-dritt l-azzjoni tkun petitorja" (Vol. XXIX, pt. II, p. 590);

"Biex tiġi ffissata n-natura vera *ta' l-azzjoni li tiġi* eżerċitata wieħed irid iħares mhux lejn il-kliem kemm lejn dak li sostanzjalment ġie mitlub biċ-ċitazzjoni jiġifieri l-fondament u l-oġġett tal-pretensjoni fiha dedotta" (Vol. XXXV, pt. II, p. 776);

Ġie ritenut ukoll f'dik is-sentenza illi l-azzjonijiet

possessorji fosthom l-azzjoni ta' spoll ghandhom bhala *fondament taghhom* il-pussess ta' kwalunkwe xorta u bhala *objettiv taghhom it-tutela ta' dak il-pussess, mentri l-*fondament ġuridiku ta' l-azzjoni petitorja huwa d-dritt u l-iskop hu r-rikonoxximent u t-tutela ta' dak id-dritt;

Una volta hu ovvju illi:

L-atturi ma setghux jaġixxu fil-petitorju ghax mhux is-sidien;

*Il-konvenuti bl-ebda mod ma setghu jitqiesu li kellhom xi* dritt reali ta' servitù billi huma ukoll ma kinux sidien u l-*proprjetà* kienu qed jipposjeduha bhala inkwilini;

Ma setghetx legalment tissostitwixxi servitù predjali bejn proprjetarjiet ta' l-istess sidien, kien mehtieġ li t-termini taċ-ċitazzjoni jiġu eżaminati fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet appena maghmula. Il-Qorti kellha *teżamina* jekk l-azzjoni setghetx tiġi kif fil-fatt hi kkwalifikata bhala azzjoni possessorja *ta' inkwilin kontra inkwilin;*

Infatti ghalkemm f'dan l-istat tal-provi* ghadu ma ġiex kjarifikat kif il-konvenuti jippretendu li ġie kkreat dan "id-dritt ta' passaġġ" ghandu jkun immedjatament evidenti illi dan id-dritt - allura ta' xorta personali - seta' ġie kkreat *inter alia per destinazione di padre di familia* jew bhala kundizzjoni tal-kirja imposta minn sid komuni ghaż-żewġ proprjetajiet jew ukoll bi ftehim bejn l-inkwilini gabillotti ad insaputa tas-sid jew bil-konoxxenza u l-akkwixxenza tieghu. F'dawn il-kazijiet fost ohrajn l-atturi kienu jkunu intitolati li jitkellmu fil-premessi ta' *l-att taċ-ċitazzjoni li bih aġixxew, dwar li "l-konvenuti qed* jippretendu li ghandhom dritt ta' passaġġ bir-riġel eċċetra" u kif ukoll huma kienu qeghdin jikkontestaw dan *id-dritt. Hu infatti*

rilevanti u sintomatiku illi l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni mill-Qorti illi "l-għalqa ta' l-atturi" - li allura wieħed irid bilfors jifhem imqabbla lilhom u mhux ta' proprjetà tagħhom - mhi soġġetta għal ebda dritt ta' passaġġ favur il-konvenuti - li ukoll għandhom ikunu kkwalifikati bħala inkwilini. L-atturi *nomine* allura mhux qed jitolbu dikjarazzjoni fir-rigward tal-proprjetà kemm jekk din hi dominanti u sew jekk servjenti imma dikjarazzjoni fir-rigward tal-persuna tal-konvenuti;

Hu aċċettat fil-ġurisprudenza illi meta diversi fondi jkunu ta' l-istess proprjetarju jistgħu jiġu minnu maħluqa "servizzi bejn dawk il-fondi" bis-sempliċi destinazzjoni tal-*padre di famiglia* li jsiru servitù meta dawn il-fondi jiġu ttrasferiti lil diversi proprjetarji (Vol. XXXVI, pt. I p. 206);

"Hu paċifiku fil-ġurisprudenza nostrali illi anke meta si tratta mhux tas-servitù vera proprja imma minn dik li tissejjaħ servitù personali għax tkun pjuttost dritt ta' obbligazzjoni il-kważi pussess tagħha huwa tutellabbli bl-azzjoni possessorja kontra l-awtur tat-turbattiva ..";

"Mill-banda l-oħra meta diversi gabillotti jikru bċejjeċ diversi ta' raba' mingħand sid wieħed dawk il-gabillotti bis-saħħa ta' l-istess lokazzjoni minnhom magħmula huma tenuti jirrispettaw il-*modus vivendi* dwar passaġġi eċċetra" (Vol. XXXIX, pt. I, p. 123);

Hu ukoll rikonoxxut fil-ġurisprudenza d-dritt ta' gabillotti li jiftiehmu bejniethom dwar l-użu tar-raba' u dan it-tip ta' ftehim - li jinkludi d-dritt personali ta' passaġġ - għandu ukoll jiġi rrispettat mis-sid sakemm ma jkunx jippreġudika d-drittijiet tiegħu jew ma jkunx in vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-kuntratti tal-kirja (Vol. XLII, pt. I, p. 472; Vol. LXXVI, pt. III, p. 584);

*Dawn is-sitwazzjonijiet kollha jinkwadraw ruħhom mhux biss fit-termini ta' l-att taċ-ċitazzjoni kif redatt u fl-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuti appellati imma ukoll fir-rekwiżiti ta' l-azzjoni possessorja miftuħa lill-inkwilin biex jippreserva l-istatus quo billi jiġi ddikjarat illi l-konvenut, inkwilin ieħor, ma kellux dak lil-jedd personali ta' passaġġ li kien qed jippretendi. Din il-Qorti waslet għall-konvinċiment li l-azzjoni esperita kienet ta' indole "possessorja" u ma setgħetx tkun xi ħaġ'oħra ħlief hekk. Hi azzjoni ta' manutenzjoni aċċessibbli lill-inkwilin possessur kontra inkwilin posessur ieħor li tista' tkun eżerċitata fit-termini ta' l-artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili u tista' ssib ukoll l-għeruq tagħha f'waħda mid-diversi sitwazzjonijiet li setgħu taw lok għad-dritt personali ta' passaġġ pretiż mill-konvenuti li dwarhom jeħtieġ li jsiru l-provi. Mhux bilfors allura li l-azzjoni possessorja miftuħa lill-inkwilin* tkun dik ta' l-ispoll privileġġjat kif qed jimplikaw l-appellati fl-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom. Fil-fatt din hi azzjoni li ċertament ma tirriżultax mit-termini ta' l-att taċ-ċitazzjoni. Jista' però jkun hemm kawżali oħra li jiġġustifikaw l-azzjoni possessorja kif tentata mill-appellanti u dan l-aspett għad irid jiġi epurat mill-Ewwel Qorti li lilha l-atti ser jiġu rimessi;

"F'dan il-każ ir-raba' hu ta' sid wieħed - il-Mensa ta' l-Isqof - u kif isir is-soltu l-gabillotti bis-saħħa ta' l-istess lokazzjoni lilhom magħmula huma tenuti jirrispettaw il-*modus vivendi*" (Vol. XXIII, pt. I, p. 361);

U f'każ ta' vjolazzjoni ta' dan il-ftehim kemm jekk jinvolvi l-pretiż eżerċizzju ta' dritt personali ta' passaġġ li ma jeżistix kif ukoll jekk jinvolvi li jiġi impedut l-eżerċizzju ta' dan id-dritt meta jeżisti, l-azzjoni ta' natura evidentement possessorja tista' tiġi eżerċitata minn kull wieħed mill-gabillotti tar-raba' involut għax l-inkwilin għandu kull dritt ġuridiku li jipproteġi l-integrità tar-raba' mqabbel għandu u li jittutela d-drittijiet tiegħu ta' pussess fuqu;

Din il-Qorti waslet ghall-konvinċiment illi mhux korretta l-konsiderazzjoni fis-sentenza appellata illi l-azzjoni tentata mhix sempliċi azzjoni possessorja iżda hi azzjoni reali li tolqot intimament drittijiet reali fuq il-proprjetajiet *tal*-kontendenti. Din il-konsiderazzjoni ma tidhirx sorretta la mill-att taċ-ċitazzjoni kif redatt u lanqas mill-elementi ġuridiċi kostituttivi tal-premessi li infatti jeskludu l-azzjoni petitorja. L-eċċezzjoni ta' l-appellati li l-atturi bhala inkwilini ma setghux jipproponu l-azzjoni ghal dikjarazzjoni li l-art mikrija lilhom mhijiex soġġetta ghal servitù (*actio negatoria*) ma kinitx sostenibbli proprju ghaliex ma jirriżultax li l-atturi appellanti qed jittantaw din ix-xorta ta' azzjoni reali li manifestament ma tikkompetix lilhom. Ghall-kuntrarju l-azzjoni kif proposta tista' tiġi kkunsidrata u ttrattata bhala azzjoni possessorja fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula. Azzjoni li ma teskludix li jiġi nvolut bhala parti in kawża anke s-sid komuni tar-raba' mqabbel *lill-kontendenti jekk jirriżulta li d-ritt personali* pretiż mill-konvenuti u kkontestat mill-atturi kien naxxenti minn xi kondizzjoni tal-ftehim tal-kirja li sar ma' l-istess sid. B'daqshekk però l-azzjoni ma ssirx wahda reali. Tibqa' xorta azzjoni ta' natura personali u possessorja ghax id-dritt ikun jirrigwardja l-persuna tal-kontendenti u l-jeddijiet u l-obbligi lilhom ikkonferiti bil-kuntratt ta' lokazzjoni u bl-ebda mod ma jimpinġi fuq il-proprjetà tal-fondi lilhom jew minnhom lokati. Jekk imbaghad jirriżulta illi l-azzjoni hi naxxenti u marbuta ma' ftehim bejn il-kontendenti gabillotti li s-sid ghandu f'determinanti ċirkostanzi jirrispetta, il-presenza tas-sid tkun ghal kollox superfluwa in kwantu tali ftehim ikun ghalih *res inter alios acta*. Anke hawn l-azzjoni hi wahda purament personali u mhux reali. Dan kollu l-Ewwel Qorti ghad trid tiddeliberah biex tiddetermina l-oriġini tad-dritt pretiż mill-konvenuti appellati u l-validità o meno ta' l-opposizzjoni ta' l-atturi appellanti fl-eżerċizzju ta' dak il-pretiż dritt;

Ghal dawn il-motivi s-sentenza appellata hi rrevokata u l-

ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti appellati qed tiġi għalhekk miċħuda.

---